KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Sebgħa u Għoxrin (27)***

***It-Tlieta, 9 ta' Frar, 2021***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREŻENTI:**

IS-SINDKU DARREN ABELA
IL-VICI SINDKU CHRISTINE DALLI
IL-KUNSILLIERA ROSE AGIUS
IL-KUNSILLIER ANDREAS GATT
IL-KUNSILLIER KEITH FENECH

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

27.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

27.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 26 li nżammet nhar it-Tlieta, 12 ta' Jannar, 2021.

27.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 26 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

27.2.3 **Mozzjoni 27-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 26.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Il-Minuti Numru 26 ġew approvati unanimament.

**27.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 27 (08) – Jannar 2021***

27.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 27(08) biċ-ċekkijiet numru 7159 sa 7161 kif ukoll pagamenti permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 9829 sa 9863 li jammontaw €46,200.51

27.3.2 **Mozzjoni 27-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 27(08) bl-ammont ta' €40,200.51

Proponent: Il-Kunsillier Andreas Gatt
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 27(08) ġiet approvata unanimament.

**27.4 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2020**

27.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq l-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2020.

27.4.2 Ir-rapport Amministrattiv tqassam minn qabel u għalhekk unanimament ġie kkunsidrat bħala moqri.

27.4.3 Il-Kunsilliera Rose Agius fakkret fil-Ħarġa tal-President fejn pproponiet li din titniżżel ukoll fir-Rapport.

27.4.3 **Mozzjoni 27-03**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2020 bil-proposta imniżżla f'materja numru 27.4.3

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Sekondant: Il-Kunsilliera Andreas Gatt

Ir-Rapport Annwali Amministrattiv ġie approvat unanimament.

**27.5 Korrispondenza**

27.5.1 Tressqet korrispondenza dwar Risk Assessment Report fejn inġibdet l-attenzjoni sabiex isir certifikazzjoni għas-sistema tad-dawl fl-uffiċċini tal-Kunsill kif ukoll ċertifikazzjoni tar-raff li hemm fis-sular ta' fuq. Il-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jgħaddi dawl ġdid minħabba li l-binja u s-sistema tad-dawl hija antika ħafna u l-ispiża tista' tiġi għolja ħafna u fil-futur il-Kunsill għandu fil-ħsieb li jkollu Ċentru Ċiviku ġdid.

27.5.2 Tressqet korrispondenza mingħand l-Electoral Office dwar Triq bla isem li tinsab bejn Triq Santa Marija Sqaq Numru 2 u Triq il-Barklor. Il-Kunsill qabel li it-Triq li tidħol minnha minn Triq il-Barklor tissemma Triq Mro. Felix Atanasio filwaqt li Sqaq Numru 2 fi Triq Santa Marija tissemma Triq Antonio Abdilla.

27.5.3 Tressqet korrispondenza mingħand l-Electoral Office dwar Triq Ta' Loretu sabiex tiġi Triq Ħas-Saptan. Il-Kunsill qabel li t-triq kollha tiġi tissemma Triq Ħas-Saptan.

27.5.4 Tressaq korrispondenza mingħand il-Perit Busuttil dwar l-istatwa ta' Santu Rokku fejn ppropona li jsiru pilastri kif oriġinarjament kienet l-istatwa. L-ispiża biex isir dan hija ta' €554.60 Il-Kunsill approva.

27.5.5 Tressqet korrispondenza dwar Cirkulari għall-Finanzjament għall-żvilupp jew titjib fil-Playingfields. Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li jsir zviluppp fi Gnien 2000 fejn jinħolqu *play areas* b'loghob tradizzjonali malti. Il-Vici Sindku qalet li se tiltaqa' mal-Perit sabiex issir BOQ u napplikaw għaliha.

27.5.6 Tressqet korrispondenza mingħand il-librara fejn proponiet li jinxtraw xi kotba. Il-Kunsill qabel li dawn il-kotba jistgħu jinxtraw permezz tal-iskema tar-Reġjun. Il-librara talbet ukoll jekk tistax tiġi offruta sala fejn 'Bargain Box' jiġu biex ibiegħu xi kotba. Il-Kunsill propona s-Sala Parrokjali.

27.5.7 Tressqet korrispondenza dwar siġra tal-acacia fi Triq Ħabb il-Qamħ li għalkemm qeda fil-privat, l-għeruq tagħha ħirġin fuq il-bankina u qed jikkawżaw ħafna ħsara. Il-Kunsill qabel li jibghat l-ERA sabiex tigwidana dwar x'jista' jsir.

27.5.8 Tressqet korrispondenza mingħand l-Avukat dwar l-arblu li kien intlaqghat fi Triq il-Belt Valletta. L-avukat ppropona li tintbagħat *Judicial Letter* bil-kwotazzjoni ta' €130 li f'każ li xorta jibqgħu ma jitħallsux, il-Kunsill irid jiftaħ kawża. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jidħol f'dawn l-ispejjeż għaldaqstant għandu jaċċetta li jitħallsu 75% tal-ispiża u l-kumplament titħallas mill-Kunsill minħabba li l-arblu qiegħed perikoluż u hemm bżonn li jinbidel mill-aktar fis.

## **27.6 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

27.6.1 Tressqet korrispondenza dwar kont mingħand Peter Plant Ltd, kuntrattur tal-patching dwar xogħlijiet li saru fi Triq il-Ħareb u t-toroq tal-madwar. Il-Kunsill qabel li ma jahdimx iktar mal-kuntrattur minħabba li dan kellem b'mod arroganti kemm lis-Sindku u anki lis-Segretarju Eżekuttiv. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li ma jagħtix iktar xogħol lill-istess kuntrattur. Meta jkun hemm bżonn xi xogħlijiet ta' patching, jinġiebu kwotazzjonijiet. Rigward il-kont pendenti l-Kunsill qabel li jitħallas.

27.6.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq korrispondenza mingħand resident li joqgħod fi Triq l-Andar fejn talab sabiex jgħaddi xi wires tiegħu minn taħt l-art, ma dawk tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni li jingħata l-permess biex jgħaddi l-wires dejjem skond l-proċeduri kollha tal-Enemalta.

27.6.3 Is-Sindku Darren Abela qal li twaħħal il-Bus shelter fil-Bypass u għaldaqstant ppropona li sabiex ma jkunx hemm dewmien biex issir iż-żebgha il-Kunsill għandu jqabbad kuntrattur. L-ispiża għal dan ix-xogħol se tiswa €175 + Vat. Il-Kunsill approva.

27.6.4 Is-Sindku Darren Abela qal li qed ikun hemm ammont ta' vetturi li qed jidħlu fiż-żona taż-Żebbuġ. Il-Kunsill qabel li jagħmel tabelli li jindikaw li ż-żona hija protetta u għaldaqstant l-ebda vettura ma tista tidħol.

*F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Kunsillier Keith Fenech (7.25pm)*

27.6.5 Is-Sindku Darren Abela qal li se jibda l-proċess sabiex tinfetah Triq il-Qattus.

27.6.6 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-bankina fil-Bypass kantuniera ma Triq il-Hareb titkompla. Il-Kunsill qabel li jitlob permess sabiex titkompla l-bankina li hemm nieqsa.

27.6.7 Ġie propost li ssir *bye law* għall-Street Furniture. Il-Kunsill qabel li jinbeda l-proċess.

27.6.8 Is-Sindku Darren Abela ppropona li ssir talba lill-Greenpak sabiex il-ħġieġ jibda jinġabar mill-istess kuntrattur li jiġbor l-iskart fil-lokalita' tagħna. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

27.6.9 Is-Sindku Darren Abela ssuġerixxa li tintbagħat korrispondenza lill-Kunsilli Lokali sabiex naraw għandhomx xi fanali bħal dawk li hemm fuq Santu Rokku. Dawn sabiex jitwaħħlu fil-Pjazza ta' Santu Rokku u jiżdiedu mat-3 li għandna. Il-Kunsill qabel.

27.6.10 Is-Sindku Darren Abela ppropona li jitħallas l-ammont li għad fadal pendenti wara li tasal iċ-ċertifikazzjoni tal-Perit. Il-Kunsill qabel li sabiex niddiskutu dan, se jkunu qed jintbaghtu xi emails u tittieħed id-deċiżjoni skond il-maġġoranza.

27.6.11 Is-Sindku Darren Abela ressaq ilment dwar il-*lights* ta' Vjal il-Labour li reġgħu qegħdin idumu iktar minn 100 sekonda. Il-Kunsill qabel li terġa' tinġibed l-attenzjoni.

27.6.12 Is-Sindku Darren Abela ressaq suġġeriment sabiex ir-road hump li hemm fi Triq Tumbarellu tinqala' minħabba xi lmenti tan-nies. Il-Kunsill ma qabilx li tinqala'.

27.6.13 Is-Sindku Darren Abela ppropona li r-rampa ta' fejn il-*bus shelter* ta' Vjal il-Labour titmexxa' u ssir maġenb l-i*stage*. Il-Kunsill qabel li jibgħat lill-Kummissjoni għal persuni b'diżabilita' sabiex tigwidana.

27.6.14 Is-Sindku Darren Abela ppropona li tinfetaħ Triq il-Kurċifiss u għaldaqstant se jitlob lill-Infrastructure Malta sabiex issir.

27.6.15 Is-Sindku Darren Abela propona li jsiru *bollards* bil-*planters* fis-*service road*. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-permess sabiex jitwaħħlu.

27.6.16 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex jitneħħew il-*parking bays* fil-Bypass. Il-Kunsill ma jaqbilx għax kif ġiet it-triq ma tippermettix li jitneħħew.

**27.7 <u>Tindif u Knis madwar il-lokalita'</u>**

27.7 Il-Vici Sindku Christine Dalli fetħet id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qalet li qed ikollha diversi ilmenti dwar nuqqas ta' tindif u knis madwar il-lokal kollu.

27.7.2 Il-Vici Sindku qalet li kemm hi kif ukoll l-ufficcju amministrattiv kontinwament jibgħatu ilmenti lill-kuntrattur iżda hemm minnhom li ma jiġux indirizzati mill-ewwel. Jidher ukoll li r-rotta li hemm imniżżel fit-tender mhix qed issir skond il-programm u mhux qed ikun hawn żewġ ħaddiema jnaddfu kif kien stipulat.

27.7.3 Għaldaqstant wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li jitnaqqsu €200 għal nuqqasijiet li huma:
i) Mhux qed ikun hawn żewġ ħaddiema kif stipulat fit-tender (€50)
ii) il-programm tal-knis mhux qed isir kollu (€50)
iii) Bins mhux imnaddfa regolari (€50)

iv) boroż minflok jinġabru mill-kuntrattur, jitħallew biex jinġabru mill-kuntrattur tal-ġbir ta' skart (€50)

**27.8 Mistoqsijiet u Tweġibiet tal-Kunsillieri**

27.8.1 Il-Kunsillier Keith Fenech tkellem dwar il-pjanti proposti għal Triq Tal-Barrani. Huwa ppropona li tingħata priorita' lir-residenti għaxqin li jkunu jridu joħorġu f'Tal-Barrani minn Triq il-Belt Valletta għaldaqstant għandha ssir *priority lane*. Jekk dan ma jsirx, il-Kunsill għandu joġġezzjona. Dwar dan il-Kunsill qabel.

**27.9 Mozzjonijiet**

27.9.1 Annessi mal-Minuti

**27.10 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

27.10.1 Se ssir laqgħa nhar it-Tlieta 23 ta' Frar 2021 sabiex jiġu approvati l-estimi annwali tas-sena 2020. Il-Laqgħa tal-Kunsill ta' wara se tiġi aġġornata għat-Tlieta 9 ta' Marzu 2021 fil-5.30pm

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.15pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 27**

**Mozzjoni Ref:** 27-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 26

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Andreas Gatt**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 9 ta' Frar 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 27**

**Mozzjoni Ref: 27-02**

Biex tigi approvata l-Iskeda ta' Pagamenti Numru 27

| | |
|---|---|
| **Andreas Gatt**<br>**Proponent** | **Rose Agius**<br>**Sekondant** |

**Data:** 9 ta' Frar 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 27**

**Mozzjoni Ref: 27-03**

Biex jigi approvat ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2020

| | |
|---|---|
| **Christine Dalli**<br>**Proponent** | **Andreas Gatt**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 9 ta’ Frar 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**